**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u Tletin (32)**

**25 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Victor Curmi**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef - Kunsilliera**

**Dr. Francienne Muscat- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI**

**Aaron Agius – Viċi Sindku Victor Curmi**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## 32.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 32.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar ma setax jattendi u t-talba tiegħu sabiex ikun skużat kienet milqugħa. Il-Viċi Sindku Aaron Agius kien assenti għal-laqgħa.

## 32.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 31 u Skeda ta' Pagamenti 6;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 31 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 6 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku Victor Curmi u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

## 32.4 Komunikazzjoni tas-Sindku Victor Curmi ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

- Update dwar iċ-Ċentru Ċiviku – Tħallset l-assigurazzjoni u l-permess tal-PA issa jgħajjat lill-Uffiċċjal Eżekuttiv u lill-ebda individwu. Is-Sindku Victor Curmi semma d-diffikultajiet kbar dwar il-ġebel li qed inħabbtu wiċċna magħhom. Għal darba oħra tkellem mal-barriera sabiex jiġi provdut il-ġebel u minkejja li l-Kunsill kien ħa ħsieb jibbukkja l-uffiċċjal ta' TM u l-permessi meħtieġa, għat-tieni darba, l-ġebel reġa ma wasalx il-Kunsill. Għalhekk ittieħdu l-passi biex it-trukk ġebel li jmiss jitla fuq trukk minn tal-barriera stess u mhux bit-trukk tal-bennej. Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li minkejja dawn il-problemi kollha se jkompli jaħdem sabiex ix-xogħol jkun jista jitkompla. Spjega wkoll illi fuq min kien il-permess tal-PA, qed jitlob li għandha ssir ittra ta' dikjarazzjoni fejn is-Sindku Victor Curmi jerfa responsabbilta' għax-xogħol kollu li sar fil-binja minn meta laħaq s-Sindku Victor Curmi attwali. Huwa għalhekk stqarr li talab lil Dr. Charlie Galea sabiex jipprepara dikjarazzjoni peress li ma jsibx diffikulta' li jiffirmha hu fil-vesti tiegħu bħala Sindku Victor Curmi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- Proġett Belveder tal-Qaċċa - Kien hemm tibdil tal-Perit fuq il-proġett min-naħa tal-MGP u qed jistennew il-BCA clearance biex b'hekk ikun jista jibda l-proġett.

*(Fuq qbil fil-laqgħa numru 33, din il-parti tal-laqgħa qegħda tiġi transkritta)*

Sindku Victor Curmi – Thank God jidher li wasalt fl-aħħar fażi u jidher li se jkollna risposta pożittiva. Allura rridu naraw x'nistgħu nagħmlu bil-fondi tad-Dipartiment li

ħadna għal playingfield. Jekk tippermettuli nipproponi li dawk l-85K nużawhom għas-sruġ fejn hemm area sabiħa u jista jsir playingfield żgħir.

Dr. Christian Zammit – Issa ħa jiġri li dan mhux proġett ta' xahar jew xahrejn, imma se nagħmlu xi sentejn bla playingfield.

Sindku Victor Curmi – Għalhekk qed nissuġġerixxi li jsir dan il-playingfield, fejn kienu jilgħabu l-boċċi, jistgħu jsiru erba' bankijiet, bellezza, tipparkja fejn trid, mhux se tagħlaq it-triq, l-isfel ma jgħaddux.

Leanne Micallef – Darba jien kont tkellemt fuq ta' Triq L-Għejjun, u bqajna ma nistgħux niżviluppawha?

Sindku Victor Curmi – Diġa tajtkom risposta fuqha.

Dr. Christian Zammit – Fejn, fejn?

Leanne Micallef – Fejn l-Għaejjun, jien xtaqt playingfield in-naħa ta' isfel.

Marion Portelli – Hemm is-sidien.

Dr. Christian Zammit – Jiġifieri hemm is-sidien

Sindku Victor Curmi – Hemm is-sidien, bejn is-sidien.

Dr. Francienne Muscat – Nistgħu nużaw l-istess Equipment?

Is-Seg, Eżekuttiv – Fakkret li hemm żurżieqa li hija perikoluża.

Is-Sindku Victor Curmi – Qal li ma jaqbilx li dik tinqala, xi ħaġa ikonika. Titpoġġa tabella.

Qbil dwar dan. – *Under parent supervision*

Marion Portelli – At your own responsibility

Sindku Victor Curmi – Qegħdin taqblu li mmexxu bis-Sruġ? Ejja nibdew minn hemm.

Dr. Christian Zammit – Li jkun hemm alternative sites dak zgur.

Dr. Francienne Muscat – Għalkemm in-Nazzarenu hemm bżonn, anka dik in-naħa tax-Xagħra hemm bżonn.

Sindku Victor Curmi – Naqbel li hemm bżonn in-Nazzarenu imma define a place.

Leanne Micallef – Nixtieq naħseb f'aktar sites.

Dr. Christian Zammit – Ejja mmexxu fuq Sruġ u sadattant identifika post in-Nazzarenu. Idealment jkun hemm tlett sites bi playingfield bħal ma hemm in-Nadur, Sruġ u anka n-Nazzarenu.

Sindku Victor Curmi – Issa jew ħa niddeċiedu jew mhux se naslu

Seg. Eżekuttiv – Suppost li diġà ħriġna t-tender u rridu napplikaw għal tibdil fil-proġett u nissugraw nitilfu l-fondi.

Leanne Micallef – Mela mexxi.

Proġett ta' tisbieħ fil-Ġnien tal-Mitħna beda però għandna wkoll problema ma wieħed mill-ġirien. Is-Sindku Victor Curmi spjega illi bħala parti mill-proġett kien qed jitkompla l-ħajt tal-ġebel tas-sejjiegħ li presentament huwa nofsu mibni. Ir-resident qed jgħid illi dan il-ħajt huwa kien xtraħ mid-Dipartiment tal-Artijiet u allura x-xogħol ma dan il-ħajt ma jistax isir. Qed jgħid ukoll illi tneħħha l-ħxuna ta' maduma minn fuq il-ħajt u allura issa dan ġie baxx fejn ikkawża periklu għal-passaġġ tiegħu. Din il-materja ġiet diskussa, u peress li dan huwa ħajt diviżorju, qed nistennew linja gwida mingħand l-Avukat tal-Kunsill. Sadanittant ix-xogħol għandu jitkompla.

- Dwar Trejqet Dun Ġorġ Ċini, s-Sindku Victor Curmi tkellem mal-WSC u lesti li jkopru l-ispejjeż tal-ilma u drenaġġ huma skont il-ħtieġa. Għalhekk qed nitlob lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tmexxi bis-sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil dwar dan.

- Proġett tas-Sqaq tal-Mitħna, qed nistennew mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex japplika għad-DPF Funds.

- Proġett CCTV Cameras – Wasalna fl-aħħar fażi tiegħu. L-Inġinier Simon Mizzi qed jispezzjona x-xogħol sabiex ikun jista jipprovdi ċ-ċertifikazzjoni tiegħu. Il-Kunsilliera Dr. Dr. Francienne Muscat semmiet il-bżonn li l-quddiem isiru aktar cameras f'postijiet oħrajn. Kien hemm qbil li għandhom jiġu kkunsidrati l-quddiem.

- Xogħol ta' Resurfacing tat-toroq – Beda x-xogħol fi Triq il-Knisja, però s-Sindku Victor Curmi semma li l-karozzi xorta baqgħu pparkjati fi Triq San Ġużepp. Semma wkoll li fi Pjazza Sant Anton, minkejja l-vleġeġ l-vetturi xorta qed iduru bil-kontra l-linja. Il-Kunsill ser ipoġġi barrier u jekk ikun hemm bżonn jitlob l-għajnuna tal-uffiċċjali tal-LESA. Dan biex jiġi evitati l-inċidenti. Għandna nitolbu wkoll lil TM sabiex isiru l-linji sofor ħdejn ir-residenza tat-tabib.

- Xogħol ta' Resurfacing għat-toroq mill-MGP għandna nistennew meta ser jibdew.

- Proġett Calypso – Sa issa għad ma għandniex updates.

- Proġett ta' Water Culvert fi Triq il-Knisja – Is-Sidnku ltaqa mal-Perit u għandna stima tax-xogħolijiet li hija dik ta' €17,664.51 (vat inkluż). Kien hemm qbil sabiex dan ix-xogħol isir u tinħareg sejħa għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li din l-ispiża ma kienitx inkluża fil-Pjan Finanzjarju u allura jrid isir viranment għal dan. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir dan sabiex il-problema tiġi solvuta.

- Dwar il-GO telephone box, ma kien hemm ebda risposta. Il-Kunsill reġa semma li jħossu ferm diżapuntant li min naħa tal-GO ma hu jsir xejn sabiex din il-kaxxa tiġi restawrata.

- Proġett tal-wiring tal-Pjazza, qed nistennew mingħand l-Inġinier Mizzi mill-Enemalta.

- Attivita' minn Pjazza għal Pjazza – Se ssir fil-25ta' Lulju. Preparamenti mexjin ġmielhom. Is-Sindku Victor Curmi semma li ddispjaċih ħafna li inqalgħu issues mal-Kummittiva minħabba li f'dik id-data huma ser jorganizzaw ukoll il-BBQ tagħhom. Huwa qal li id-iż-żewġ dati inkluża dik tal-25ta' Lulju iddeċiediha il-Kunsill kollu flimkien u hu zgur li ma jkunx jaf id-dati ta' meta jkunu se jsiru attivitajiet minn għaqdiet oħra. Talab lill-Kunsilliera sabiex jitkellmu mill-ewwel, meta l-Kunsill jkun qed jiddiskuti dati ta' attivitajiet għaliex zgur li ma jieħux pjaċir li l-attivitajiet tal-Kunsill jaħbtu ma ta' xi għaqda oħra. Il-Kunsilliera Leanne Micallef Micallef qalet li hi tkellmet mal-għaqda u spjegatilhom li din ma kienitx l-ewwel data preferuta li l-Kunsill kien għażel u hi kienet ħasbet li din l-attivita' se ssir filgħodu għaliex lanqas hi ma tieħu pjaċir li jaħbtu flimkien. Is-Sindku Victor Curmi reġa enfasizza li mportanti li meta niddeċiedu d-dati l-Kunsilliera li huma direttament involuti mal-għaqdiet, għandhom jiċċekkjaw u jkunu zguri sabiex ma jkollniex clashes mal-ebda għaqda rigward id-dati.

- Il-Camera tal-Bring in Sites qegħdin kollha jiffunzjonaw.

- Summer Classes ġew ikkanċellati minħabba li ser jiġu organizzati mill-Arċipriet.

- T-tindif ta' wara l-Festa kien inkluż fit-tender tal-Knis pero' din is-sena jrid isir tibdil fir-rotot tal-marċijiet. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li jitpoġġa uffiċċjal tas-security fil-playingfield matul il-festa. Dan biex jonqos il-vandaliżmu. Kien hemm qbil li jkollna security officer mill-5ta' Settembru sat-8ta' Settembru bejn it-20.00 u l-01.00a.m.

- Tiġrija taż-żwiemel – Is-Sindku Victor Curmi nforma l-membri li ġie avviċinat mill-football club u jixtiequ jieħdu ħsiebha huma, b'responsabilta' tagħhom. Qegħdin jipproponu li ssir fil-korsa u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill bi provediment tat-trophies sas-somma ta' €1800. Se jkunu qed jitkellmu mal-Arċipriet u jsibu data fejn ma jaħbtu ma ħadd. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- Rimi ta' skart illegali fi Triq Bullara ħdejn il-Monument – Minkejja t-tabella kbira li tpoġġiet mill-Kunsill, qed jintefa ħafna boroż ta' skart fi ġranet barra mill-iskeda tal-iskart. Is-Sindku Victor Curmi semma li hemm problema oħra ta' ħmieġ fi Triq Sruġ. Se nitolbu lill-Pulizija tal-Kommunita' sabiex issir aktar sorveljanza u nitlobu l-

assistenza tal-Awtoritajiet kompetenti bħal ma huma l-ERA. Dr. Dr. Francienne Muscat Muscat issuġġeriet li jsir bank f'dak il-post biex forsi jwaqqaf dan l-abbuż. Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi semma li ma hemmx oġġezzjoni li jinstab post aktar il-ġewwa basta ma jingħalaqx l-aċċess.

- Traffic Management ta' Triq Ġorf – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Perit tal-Kunsill irid ikun jaf id-direzzjoni tal-One way ta kif qed jipproponi l-Kunsill.

*(Fuq qbil fil-laqgħa numru 33, din il-parti tal-laqgħa qegħda tiġi transkritta)*

Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi qal li l-Perit irid jiddereġina hu.

Leanne Micallef – Din il-ġimgħa kienet fit-triq u weħħlu l-vetturi. Kien hemm tal-linja head on. Tal-linja konna rranġajniha u reġgħu.

Sindku Victor Curmi – Fl-opinjoni tiegħi jekk tridu nagħmlu esperiment inneħħu l-inġenji kbar u nagħmlu l-lights.

Leanne Micallef – Lights f'liema sens?

Sindku Victor Curmi - Bħal ma qegħdin ta' Putirjal. Tal-linja titħalla tgħaddi.

Leanne Micallef – Staqsiet jekk il-lights ikunux għal-bus biss

Sindku Victor Curmi – Nibdew b'dak l-esperiment, neliminaw l-heavy vehicles, tgħaddi l-bus però biex tidħol il-bus tieqaf quddiem il-lights, eżatt is-sistema bħal ma qegħda Putirjal.

Dr. Francienne Muscat – Din tintuża f'ħafna postijiet.

Leanne Micallef – Jiġifieri nimxu b'din u mbagħad naraw x'jiġri?

Sindku Victor Curmi – Il-kumplament se jgħaddu karozzi normali u naħseb li ma jkunx hemm dawn il-problemi. It-trukkijiet jiġu eliminati kompletament.

Dr. Christian Zammit – Se jkun hemm bżonn enforcement għaliex fil-bidu se jkun hemm min jgħaddi xorta.

Leanne Micallef – Imma minn fejn se jgħaddu għan-Nazzarenu, jridu jgħaddu kollha minn fejn tagħna? Ma narhiex ħażin bħala ideja pero' nixtieq nistenna x'se jgħid il-Perit ukoll biex naraw x'inhu l-aħjar.

Dr. Francienne Muscat – Dan qegħdin ngħidu li jekk ħa nagħmlu hekk ma ssirx one-way?

Leanne Micallef – Le ma tiġix one-way..

Dr. Francienne Muscat – Jien għalija nippruvawa for an x amount of months.

Leanne Micallef – We pilot it, għaliex le, mhux ideja ħażina, anzi.

Dr. Christian Zammit – Nagħtuha sena.

Sindku Victor Curmi – Jien naħseb inkunu lħaqna kompromess u fejjaqna ħafna nies. Issa xi ħadd ħa jgerger zgur.

Leanne Micallef – Iwa

Dr. Christian Zammit – Ntuha sena

Marion Portelli – Dejjem ħa jkun hemm xi ħadd li jgerger. Ma hemmx għalfejn sena.

Dr. Francienne Muscat – Ntuha sitt xhur.

Leanne Micallef – Sitt xhur, we pilot it.

Sindku Victor Curmi – Jien qed inpoġġi l-ideja fuq il-mejda, eżatt is-sistema li hemm Putirjal.

Dr. Christian Zammit – Ntuha trial ta' sitt xhur, eżatt kif titlaq minn Pjazza San Franġisk.

Dr. Francienne Muscat- Xorta rridu Traffic management biex nġibu l-approvazzjoni.

Sindku Victor Curmi – Biex infehmek, xħin titla mill-Għejjun, fejn joqgħodu resident A u B, jkun hemm il-camera li tiddidekja l-bus, tieqaf quddiema, tiddidekja minn fejn ta' Karkanja u jwaqqaf it-traffiku. Biex il-bus tibqa għaddejja.

Marion Portelli – Kollox awtomatik.

Dr. Christian Zammit- Jkollhom sensor, bħal ta' Putirjal.

Leanne Micallef – Jien togħġobni, issa nisperaw li Transport Malta jaċċettawha peress li Triq twila peress li Putirjal mhix twila daqshekk.

Dr. Christian Zammit – Hemm mitejn metru.

Dr. Francienne Muscat – Ngħidulhom li ma hemmx għalfejn joqogħdu jistennew Traffic Management.

Leanne Micallef – Jien nemmen li tgħin.

Sindku Victor Curmi – Imbgħad il-karozzi se jimxu wara l-bus, mhux se tgħaddi l-bus waħedha. Se tgħiduli li jkun hemm cowboys li jipparkjaw fin-nofs, se jkun hemm u ma tgħaddix il-bus. Imma mbagħad....

Leanne Micallef – Trukkijiet bl-affarijiet

Sindku Victor Curmi – Filkas nagħmlu ħin, jekk se jagħmel delivery jagħmlu f'dak il-ħin.

Leanne Micallef – Le, le, ma naqbilx magħha, tiġi ħafna ħafna kontrina.

Sindku Victor Curmi – Jew se neliminaw heavy vehicles jew le.

Leanne Micallef - Ma tistax ma ddaħħalhomx.

Dr. Francienne Muscat – Trucks tax-xogħol ma jiġux heavy vehicles

Leanne Micallef – Construction mod u Delivery mill-kbar tax-xogħol mod ieħor, ftakru li xorta jieqfu fin-nofs u hemm hekk hemm tnejn ħdejn xulxin.

Dr. Christian Zammit – Trucks qed ngħidu Construction trucks.

Sindku Victor Curmi – Heavy vehicles qed ngħidu li jġorru r-ready mix u hekk. Se jkun hemm l-issue jekk jkun hemm min jibni imma dawn ntuhom permess.

Leanne Micallef – Ovja.

Leanne Micallef – Jien għal six months naċċettha u nerġgħu nagħmlu evaluation.

Dr. Francienne Muscat – Ejja ngħidu għal six months u terġa tiġi hawn.

Sindku Victor Curmi – Heavy vehicles qed ngħidu li jġorru r-ready mix u hekk. Se jkun hemm l-issue jekk jkun hemm min jibni imma dawn ntuhom permess.

Leanne Micallef – Ovja.

- Is-Sindku Victor Curmi fakkar li s-Sibt se tittella l-Festa tat-Tin u tah update tal-programm li inkluda l-vista tal-visitaturi minn Atessa u minn Carmigiano, kif ukoll dwar l-iffirmar ta' ftehim – Ġemellaġġ mal-Belt ta' Rahovec f'Kosovo.

- Is-Sindku Victor Curmi semma li ġibdulu l-attenzjoni li hemm parti minn triq Għajn Wajtar tiżloq. Tkellem ma Said Construction peress li għandu magna li biha jista isir xogħol fuq it-triq ħalli ma tibqax tiżloq. Kien hemm qbil dwar dan.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef:

- Bużbież fir-ramla- Qiegħed jinqgħata
- Ġebla mwaqqa mis-sies qabel tinżel ir-Ramla fi Triq Għajn Ħosna – Se tieħu ħsieb li tipprovdilna ritratt.
- Stop Sign qabel San Marzjan – Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi spjega li l-loġika tgħidlek li ma tistax tieqaf hemm. Hemm mera li għandha bżonn iddur.
- Bżonn ta' patching fi Triq l-Għejjun u fi Triq Gorf
- Sitwazzjoni fi Pjazza Sant Anton – Ġiet indirizzata mis-Sindku Victor Curmi.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat:

- Streaming tal-laqgħat hux qed jaħdmu – Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li qegħdin jaħdmu.

- Talbet għal-kundizzjonijiet tal-Permess li ngħata lil Hill Climb minħabba li din is-sena l-ħin ġie estiż – Ssuġġeriet li għas-sena d-dieħla nimponu li jitqassam flyer mall-Bullettin f'kull dar fix-Xagħra.
- Staqsiet jekk jistgħux isiru l-brackets fil-parkeġġ tad-disabled li jinsabu quddiem l-HSBC u l-knisja.- Is-SE ħadet nota ta' dan.
- Staqsiet għal update dwar ir-rilokazzjoni tal-BCRS – Is-SE infurmata illi l-proċess għad-devoluzzjoni taż-zoni identifikati beda min naħa tagħna.
- Talbet biex jitilgħu aktar ritratti ta' attivitajiet bħal ma huma ta' Jum ix-Xagħra fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill.
- Talbet għal update dwar il-kors tal-ħelu u ikel tradizzjonali – Is-SE infurmat lill-membri li l-kors kien suċċess u irċivejna kummenti pożittivi.
- Talbet li jsiru aktar dog bins fi Triq Sruġ u fi Triq Għar ta' Ninu. Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi spjega li l-problema tibqa dejjem quddiem ta' min se jsir peress li ħadd ma jkun iridu qrib tiegħu.
- Talbet għal update dwar TM fi Triq Marsalforn, Triq il-Knisja u Triq Gorf. Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi qal li infurmat li Triq Marsalforn se tinfetaħ dalwaqt two way. Qal ukoll li tlabna għal sleeping police fi Triq il-Knisja. Dwar Triq Gorf, ġie diskuss aktar il-fuq.
- Talbet sabiex isir ir-refreshing taż-żebgħa fi Triq il-Knisja, Triq Għajn Ħosna u Triq Ġnien Imrik. Is-SE infurmatha li dawn ilna li tlabna biex isiru.
- Ħsara fi Triq Ġnien Imrik – Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Staqsiet għal update dwar il-Masterplan - Is-Seg Eżekuttiv ser terġa tibgħat lill-MGP.
- Proġett Mitħna Ġnien u Ċangaturi – Qed nistennew lill-Perit sabiex jissottometti l-applikazzjoni għad-DPF Funds.
- Sqaq in-Nenus u Triq Għonqa – Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi nformha li dawn ġew approvati mill-MGP.
- Triq Pergola – Ma hemmx updates
- Proġett Calypso – Se nibgħatu lil MGP għal update
- Update bil-miktub rigward xogħolijiet fi Triq Marsalforn/Rabat – Is-Seg Eżekuttiv infurmatha li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.
- Ressqet il-bżonn ta' upgrade fil-bramel taż-żibel li jinsabu fir-Ramla. Seg. Eżekuttiv – ninfurmaw lil Uffiċċjal tal-MGP.
- Semmiet li Heritage Malta tkellmu magħha biex jagħmlu tabelli dwar remains li hemm fiż-żona tar-Ramla. Is-Sindku Victor Curmi Victor Curmi semma l-bżonn li niktbu lil Ambjent Malta biex jagħmlu tabelli kbar fir-Ramla sabiex juru – No Smoking, speċjalment aktar tabelli fl-entratura u fiż-żona tax-Xagħra. Żid ukoll l-importanza li ssir ukoll tabella kbira li turi li meta jkun ir-riħ, l-bajja hija perikoluża ħafna. Kien hemm qbil li niktbu lil Ambjent Malta dwar dawn it-talbiet.

Mistoqsijiet oħra li ġew imwieġba mis-Sindku Victor Curmi aktar il-fuq.

- Tiġrijiet taż-Żwiemel
- Cameras fi Triq tat-Tafla
- Bank fi Triq Bullara fejn il-Monument
- Telephone Box
- Wires u trinek fil-Pjazza
- Centru Civiku
- Bandli
- Dahla tax-Xagħra
- 2Km resurfacing minn MGP
- Xogħolijiet – Joseph Refalo

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli

- Issuġġeriet li minn Ottubru jsir kors tal-ħjata bażika. Kien hemm qbil dwar dan.

Mistoqsijiet oħra li ġew indirizzati aktar il-fuq.

- Ċentru Ċiviku
- Kors tal-Ikel u Ħelu tradizzjonali
- TM Triq Marsalforn
- Proġett Playingfield.

**32.5 Skema SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'.**

L-iskema ġiet diskussa u minħabba li l-Kunsill diġà ibbenifika l-massimu fl-istess skema fis-sena 2025 u għadu ma bediex il-proġett, kien hemm il-probabilta' kbira li l-Kunsill ma jerġax jibbenifika din is-sena. Għalhekk, kien hemm qbil li għal din is-sena ma tiġix sottomessa applikazzjoni.

**32.6 Tender – Trejqet Ġorġ Ċini**

Din il-materja ġiet diskussa f'punt numru 32.4 u l-Kunsill se jkun qed joħroġ is-sejħa għall-offerti.

**32.7 Bye-Law – Bajja tar-Ramla l-Ħamra**

Id-draft finali tal-Bye-Law bil-Malti ġiet ikkomunikata lill-membri permess ta' imejl ġranet qabel din il-laqgħa. Għalhekk, ġew diskussi diversi punti u kien hemm qbil sabiex isir tibdil f'dawn il-punti:

4.3.2 – Il-Kunsill jista' jimponi l-ħlas ta' depositu ta' somma li ma tkunx anqas minn tlett mija u ħamsin ewro

4.1 – Il-Kunsill jista' waqt laqgħa tal-Kunsill fuq applikazzjoni ta' kwalsiasi applikant jagħti permess sabiex issir xi attivita' f'xi parti tal-Bajjar tar-Ramla l-Ħamra, b'dan li dak il-permess jista' jkun soġġett għal dawk il-kondizzjonjiet li l-Kunsill jidhirlu xierqa.

4.4 – Id-drittijiet imħallsa għall-permessi maħruġa taħt dawn il-Bye-Laws għandhom ikunu a diskussjoni tal-Kunsill kif deċiż waqt laqgħa tal-Kunsill b'minimu ta' €250ewro.

Kien hemm qbil unanimu ma dawn it-tibdiliet u għalhekk ikompli l-proċess neċessarju sabiex din il-Bye-Law tiġi approvata u eventwalment introdotta.

**<u>32.8 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti.</u>**

- Modifikazzjoni tat-talba tal-Melita plc sabiex isiru l-kaxxi madwar il-lokalita'. Il-Kunsill qabel li japprova t-talba minbarra dik ta' Triq Ġorf u għalhekk se nkunu qed nitolbu għal proposta oħra għal din iż-żona.

- Iricivejna notifika mingħand TM dwar parkeġġ riservat personalizzat f'dawn il-postijiet. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn.

1. 108, Triq it-Tiġrija

2. Triq Guizeppi Bajada

3. Triq il-Komittiva

4. Triq tal-Qaċċa.

5. Triq l-Ghejjun

- Talba mingħand residenta sabiex titneħħa jew titnaqqas id-dawl tal-bozza li saret fi Triq Spira.

- Update dwar il-proġett ta' Trejqet Ġorġ Ċini – L-WSC ikkonfermaw li hemm bżonn li jsiru mains tal-ilma ġodda. Noħorġu tender għax-xogħilijiet li jammontaw ta' €149,463.

- Korrispondenza mingħand MDIA dwar korsijiet għar-residenti dwar AI. – 6 persuni max – Minħabba li l-Kunsill ma għandux faċilitajiet, din is-sena ma nistgħux napplikaw għaliha.

- Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar żjara minn żgħażagħ fl-Ukrajina. Bejn 30ta' Awwissu u 6ta' Settembru 2026. Il-Kunsill qabel li nospitawhom nhar il-5ta' Settembru matul is-sigħat ta' filgħodu.

- Talba mingħand l-Għaqda Armar għall kollaborazzjoni biex titella ikla fix-xahar ta' Lulju. Kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu ta' €250.

- Notifika ta' Konsultazzjoni Pubblika – Discussed Quarry – Srug Street – Xaghra.

- Korrispondenza mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar dwar MWBA Outreach. Il-Kunsill qabel li nilqgħu it-talba u ssir l-attivita' fil-pjazza.

- Beda x-xogħol fil-ġnien tal-Mitħna

- Korrispondenza mingħand Nature Trust Malta dwar problema ta' hedgehogs li qed jittajru fi Triq il-ghajn u fi triq Ghajn Ħosna. Se jsiru t-tabelli pero' qed nintalbu biex ma jinqatax il-ħaxix minħabba li qed jinqatlu l-hedgehogs. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba mingħand Dr. Aaron Attard Ħili sabiex ikopri l-pubblikazzjoni tal-ipprintjar ta' ktieb dwar l-Arċipriet Ġużeppi Diacono.- Talba ta' €2150.40. Il-Kunsill qabel li nikkolaboraw sa massimu ta' €500 u ningħataw ktieb għal-Kunsill.

-Talba għal kollaborazzjoni mingħand Fr. Joe Said sabiex issir il-Lejla Sajfija kif ukoll il-Festa ta' Ġesu' Nazzarenu. Kien hemm qbil li nikkolaboraw bl-istess ammont tas-sena li għaddiet.

- Performance Bonus għall-ħaddiema tal-CWS – Minn din is-sena telgħa minn 5% għal 10% u jrid jingħata darbtejn fis-sena.

- Maintenance Agreement għal-CCTV cameras offrut mill-Alberta għal prezz ta' €820 vat eskluż għal perjodu ta' sentejn. Kien hemm qbil unanimu sabiex dan isir.

- Saret talba lil Transport Malta sabiex issir Street Hump fi Triq il-Knisja. Din hija bżonn urġenti minħabba li hemm periklu kbir għat-tfal. Sfortunatament, diġà ttajret tifla.

- Attivita' tal-Milied – Qbil li din issir fit-13ta' Diċembru flok fit-12ta' Diċembru 2026. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- Fuq proposta tas-Sindku Victor Curmi li ġiet sekondata mill-Kunsillier Dr. Christian Zammit ġiet ippreżentata riżoluzzjoni bin-numru 05-2026 sabiex issir talba għall-Amministrazzjoni ta' propjetà' pubblika inkluż jkopri l-finanzjament għall-ispiża involuta fejn applikabbli. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għalhekk din ġiet iffirmata mis-Sindku Victor Curmi u s-Segretarju Eżekuttiv.

- Vakanza ta' Uffiċċjal Klerikali – Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil unanimu li wara li l-post huwa vakanti għandha terġa toħroġ is-sejħa għall-Administrative Officer I, fi Skala 12 fuq bażi full time. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet li għandu jkun ikkunsidrat l-impjieg part time ta' uffiċċjal sabiex jieħu ħsieb l-attivitajiet kollha ta' matul is-sena. Kien hemm qbil dwar dan l-impjieg ukoll.

- Talba sabiex issir manutenzjoni tal-bankijiet fi Triq Gajdoru kif ukoll biex isir doggy bin fl-istess triq.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-membri li l-Smart Bins u l-gate tneħħew u baqa biss il-platform. Il-Kunsill huwa obbligat illi jirrifondi l-bilanċi dovuti lil MECC li jammontaw għal madwar €14K. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li fuq il-platform isiru gazebo u żewġ bankijiet sabiex wieħed ikun jista jgawdi mill-veduta sabiħa. Kien hemm qbil dwar dan.

### 32.6 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-19.00pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026 fis-17.00pm.

Konfermati illum it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2026.

**Victor Curmi**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**